MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1593/1992/1

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' Galdes & Mamo Ltd u li b'nota tad-19 ta' Novembru 1999 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited li b'digriet tal-11 ta' Jannar 2008 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni biex titnehha l-kelma 'Agency', stante bdil f'isem il-kumpanija u b'digriet iehor tal-11 ta' Frar 2010 il-Qorti ordnat li minflok l-attur 'Hugh P. Zammit', 'Gasan Mamo Insurance Ltd' jassumu l-atti tal-kawza, u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Theresa Grima sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Lawrence Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn Hugh P. Zammit ghannom u in rapprezentanza tal-kumpanija Royal International Insurance Holdings Limited, fejn dan, wara li ppremetta illi:

Il-konvenut kien qieghed jesegwixxi xogholijiet gewwa St. Andrews Road, St. Andrews, liema xogholijiet kienu jikkonsistu fi thaffir ta’ gandott ossia ‘trench’.

Fl-20 ta’ Marzu 1990, ghall-habta tas-sebgha ta’ filghodu (7.00a.m.), waqt li Joseph Formosa kien ghaddej fuq din it-triq fil-vettura bin-numru L-4538, huwa baqa’ diehel gewwa dan it-‘trench’ bil-konsegwenza illi l-vettura garrbet hsarat konsiderevoli.

Dan l-incident sehh minhabba traskuragni u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, partikolarment l-artikolu 30 tal-Kapitolu 10, stante illi dan it-‘trench’ ma kienx la protett u lanqas imdawwal kif rikjest skond il-ligi.

Minhabba dan l-incident, l-attur Hugh P. Zammit nomine in forza tal-polza tat-tip comprehensive hallas is-somma ta’ elf u seba’ mija u hdax-il Lira u hamsa u tletin centezmu (Lm1711.35) waqt li l-attrici soffriet danni konsistenti fi ‘loss of use’ ghall-ammont ta’ tletin Lira (Lm30.00).

Il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dawn id-danni pero’ baqa’ inadempjenti.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi fis-somma komplessiva ta’ Lm1741.35 jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta’ danni, l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Jannar 1992 u bl-imghax mill-istess data kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut, li in forza taghha, eccepixxa illi:

Preliminarjament, l-eccipjent m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur nomine;

Bla pregudizzju ghas-suespost, Theresa Grima m’hijiex attrici fil-kawza u kwindi l-eccipjent ma jistax jigi kkundannat ihallas xi danni sofferti minnha;

Bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent ma jaf bl-ebda incident li gara fid-data u l-hin indikat fic-citazzjoni;

Bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt stante li l-konvenut ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji skond il-ligi.

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta (allura l-Qorti tal-Kummerc) tal-25 ta’ Marzu 1993, li permezz tieghu gie mahtur Dr. Joseph Azzopardi biex jirrelata dwar il-kawza.

Rat in-nota tas-socjeta’ Gasan Mamo Insurance Limited in rapprezentanza tas-socjeta’ estera CGU Insurance plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta’ estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Theresa Grima, li biha qed tassumi l-atti tal-kawza fuq imsemmija bhala attur minflok Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici esteraRoyal

International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Theresa Grima sija bil-polza u sija bil-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2003, fejn il-Qorti, peress illi l-Perit Legali gie elevat ghall-gudikatura, issostitwiet ghalih lill-Avukat Simon Micallef Stafrace.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali minnu konfermat bil-gurament waqt is-seduta tat-22 ta’ Jannar 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2009, fejn id-difensur tal-atturi rrimetta ruhu ghall-konkluzjonijiet tar-rapport.

Semghet lill-istess Perit Legali jiddeponi viva voce.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-atturi.

Rat li l-konvenut ghazel li ma jressaqx nota ta’ sottomissjonijiet.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din il-kawza hija dwar incident stradali li sehh fi Triq St. Andrews, Pembroke, fl-20 ta’ Marzu 1990. Fl-incident, Joseph Formosa kien qed isuq vettura Peugeot 205 L-4538, proprjeta’ ta’ Theresa Grima, vettura assikurata b’polza “comprehensive” mas-socjeta’ attrici. Kienu s-7.00 ta’ filghaxija. Gara li s-sewwieq waqa’ bil-karozza f’gandott imhaffer mill-konvenut waqt xoghol fuq culvert. Jirrizulta illi ma kien hemm ebda dawl jew indikazzjoni li kienu qed isiru xi xogholijiet.

Il-konvenut jecepixxi nuqqas ta’ relazzjoni guridika. Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghal dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza “Cauchi et vs Spiteri et (9 ta’ Lulju 2008):

"*... in linea ta' principju, relazzjoni negozjali jew guridika tiddixxendi minn qaghdiet diversi ta' dritt. Sija jek minn kontrattazzjoni,* ***jew minn intervent delittwuz jew kolpuz****, sija b'effett ta' successjoni jew minn sitwazzjoni strutturali komuni, ad ezempju, fil-kondominja. Indistintament, dawn il-qaghdiet potenzjalment jipproducu dawk l-effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar ... .*"

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

L-istess jista' jinghad ghat-tieni eccezzjoni. Is-socjeta' attrici hija surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Theresa Grima. Galadarba s-socjeta' assikuratrici thallas lill-assikurat taghha, din tissucciedi fil-kreditu tal-istess assikurat fil-konfront ta' min ikkaguna d-danni. Madanakollu, galadarba hija s-socjeta' biss li qed tagixxi fil-konfront tal-konvenut, din tista' biss tirreklama dak li hallset hi. Ghalhekk, galadarba s-socjeta' assikuratrici m'ghamlitx tajjeb ghal-loss of use, dawn il-flus ma tistax tirreklamahom. Tali azzjoni tispetta biss lil sid il-vettura personalment. Il-kawza odjerna giet istitwita mis-socjeta' qua surrogata tal-assikurata taghha biss. Ghalkemm jidher mill-att promotur li seta' kien hemm xi darba l-hsieb li tagixxi Theresa Grima proprio ukoll, jidher li kien hemm ripensament u l-kliem relattiv fic-citazzjoni gew imhassra.

Ghar-rigward tar-responsabilita' ghall-incident de quo, l-abbli Perit Legali ghamel apprezzament dettaljat kemm tar-responsabilitajiet tal-konvenut waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet fit-triq, kif ukoll tad-dinamika tal-incident innifsu. Huwa jikkonkludi hekk:

"*Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, l-esponenti Perit Legali huwa tal-umili opinjoni illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien unikament responsabbli l-konvenut, Lawrence Spiteri, stante li ma hax id-dovuti kawteli waqt li kien qed jezegwi x-xogholijiet fi triq pubblika u ghalhekk dan ghandu jirrispondi ghad-danni subiti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' €3,986.37c (qabel ekwivalenti ghal Lm1711.35c) bl-interessi fuq din is-somma mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut.*

*Daqstant ghandu l-esponenti l-unur jissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*"

Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni valida jew argument li jgeghla tiskarta dawn ir-rizultanzi.

Il-Qorti, fil-kuntest, tirreferi ghall-kawza "Carmelo sive Charles Camilleri vs Francis Carbone noe" (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1995), fejn il-Qorti rriferiet ghall-awtur Roberto Rovelli fil-ktieb "*Responsabilita' Civili u Penali per gli incidenti delle Strade*":

"*Chiunque opera a contatto della collettivita' deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danni agli altri. Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obbligo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonne ad avvertire: cittadini della preclusione al traffico della stessa ovvero dei pericoli inerenti al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente.*"

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tikkondividi l-konkluzjoni tal-Perit Legali u taddottaha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Tilqa' l-ewwel talba;

Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett elef disa' mija u sitta u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€3986.37), ekwivalenti ghal elf, seba' mija u hdax-il Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1711.35);

Tikkundanna lil Lawrence Spiteri jhallas l-ammont ta' tlett elef disa' mija u sitta u tmenin Ewro u sebgha u tletin

centezmu (€3986.37), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Lawrence Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------